MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 75/7

It-Tnejn 07 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Demelsa Grech – Kunsillier

ASSENTI
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Corporate Services Executive Manager

AĠENDA

75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

75.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti ((71/7 [02/08/16]; 72/7 [01/09/16]; 73/7 [16/09/16]; 74/7 [26/09/16]);

75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

75.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

75.5 Rapporti;

75.6 Attivitajiet tal-Milied 2016 u l-Ewwel tas-Sena 2017;

75.7 Ħatra ta' Bord – aġġudikazzjoni tal-offerti (01/16 Accountancy; 02/16 Concrete; 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings);

75.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

75.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

------------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

75.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Sa Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

75.1.2 Il-Kunsill ġie infurmat illi b'mod immedjat mhux se tkompli tintuża l-proċedura ta' skużat għal kunsillier/a li għal xi raġuni jew oħra ma jkunx jista'/tista' tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Minflok sejra tidħol fis-seħħ proċedura ta' assenti u assenti b'apoloġija. Jidher li meta persuna ma tkunx tista' tattendi din tiġi konsidrata assenti u f'każijiet eċċezzjonali jew ta' meta persuna tkun fuq xogħol tal-Kunsill, din titqies assenti b'raġuni.

F'każ li persuna tkun assenti u ma tkunx assenti għal xi raġuni eċċezzjonali jew għax tkun assenti minħabba xogħol tal-Kunsill, din titnaqsilha l-allowance li tkun dovuta għal dik il-laqgħa. Dwar l-assentiżmu l-Kunsill għandu jimxi fuq proċedura kif stabbilita fil-liġi.

## 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti (71/7 [02/08/16]; 72/7 [01/09/16]; 73/7 [16/09/16]; 74/7 [ 26/09/16])

75.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel din il-laqgħa u b'mod unanimu kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija.

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

75.2.2.0 Punti mqajma mill-minuti

75.2.2.1 Is-Sur Sammut qal li kien diżappuntat illi fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill dwar mozzjoni rigward il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Gudja, is-Sindku qabad u ddeċieda li l-Kunsill ma kellux il-poter li jiddiskuti din il-materja, meta din il-materja

hija l-bini tal-Kunsill li mhux aċċessibbli kif hekk irrappurtat dwar dan in-nuqqas ta' aċċessibbiltà mill-KNDP.

Is-Sur Sammut qal li dan in-nuqaqas ta' aċċessibbiltà fil-bini tal-Kunsill sejjer ikun ta' ħsara għar-residenti speċjalment dawk l-anzjani li jkollhom ħtieġa ta' servizz mingħand il-Kunsill.

**Sospensjoni tal-Laqgħa**

F'dan l-istadju s-Sindku talab u kiseb l-approvazzjoni tal-Kunsill kollha preżenti sabiex jissospendi l-aġenda sabiex il-Kunsill jiddiskuti mozzjoni dwar applikazzjoni ta' permess (PA/06118/16) dwar guesthouse (boutique style) li sejra tiġi stabbilita fil-binja eżistenti (wara li jiġu rranġati skont il-ħtieġa) fi Triq il-Kbira, il-Gudja.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jħalli lis-Sur Allan Bons sabiex jispjega d-dettalji tal-proġett b'mod li jkun jista' wkoll jindirizza t-tħassib tar-residenti u l-isfidi li se jiffaċċjaw ir-residenti fit-twettiq tal-proġett. Is-Sur Bons qal li dan il-bini huwa fi stat ħażin u għandu bżonn jiġi rranġat u mibdul sewwa. Is-Sur Bons qal li l-ħsieb tiegħu huwa li din il-guesthouse tkun upmarket u li l-proġett li jkun fih bejn 8 sa 10 kmamar sejjer jiswa madwar miljun ewro (€1m)

Ix-xogħol sejjer jieħu madwar sena iżda ħafna minnu sejjer ikun fuq wara u l-materjal joħroġ mill-ġonna ta' wara. B'hekk ma jkunx hemm problemi għat-traffiku u għar-residenti.

Peress li t-twieqi sejrin ikunu kollha double glazing, mhux sejrin ikun hemm ħsejjeż u storbju żejjed.

Wara din id-deliberazzjoni l-Kunsill iddeċieda u qabel li jorganizza laqgħa għar-residenti u l-iżviluppaturi ta' din il-guesthouse sabiex ir-residenti jiksbu kull informazzjoni dwar l-iżvilupp propost.

Id-data u l-ħin ta' din il-laqgħa hija 16 ta' Novembru 2016 fis-6.30pm. Din il-laqgħa, għalkemm huwa mixtieq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti, mhux sejra tkun laqgħa tal-Kunsill.

## 75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

75.3.1 Rapport tal-Perit Spiteri dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill fil-binja ta' 88 Triq Raymond Caruana sabiex issir aċċessibbli għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku spjega l-importanza ta' parir professjonali u dwar li meta jsir dan ir-rapport jiġi ċirkulat kemm għand il-Kunsillieri kollha kif ukoll lill-uffiċċju tal-Gvern Lokali u lill-KNDP u dan bil-ħsieb li tinkiseb kull għajnuna sabiex il-post isir aktar aċċessibbli.

75.3.2 Ikla u drinks tal-Milied 2016 u s-Sena l-Ġdida 2017. Is-Sindku qal li l-ikla tal-Milied hija maħsuba li ssir fl-14 ta' Diċembru 2016 fis-7.30pm. Il-post jiġi mħabbar aktar 'il quddiem.

Id-drinks għall-Kunsillieri u l-ħaddiema tal-Kunsill huma maħsuba li jsiru l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016 fis-1.00pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Sar qbil li għal dawn id-drinks jiġi mistieden ukoll l-Arċipriet Fr. Martin Cardona.

Il-Kunsill qabel ukoll illi josserva kompletament id-direttivi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali  dwar l-infieq dwar dawn l-attivitajiet.

75.3.3 Parking bays fi Triq San Marija (il-biċċa t'isfel qabel il-kisra ta' ma' Triq Bur Ġlat). Is-Sindku qal li qed ikun hemm diversi talbiet għal parking bays sabiex ikun hemm aktar ordni fit-triq. Il-Kunsill qabel li jsiru 5 parking bays fuq l-istess daqs tat-TM.

75.3.4 Spazju biswit il-Każin taċ-Ċintura mal-bidu ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku qal illi sabiex ikun hemm aktar ordni, għandha tispiċċa parking bay għal karozza u ssir parking bay għal muturi.

75.3.5 Triq Santa Marija fl-inżul tal-pjazza. Is-Sindku qal li hemm bżonn li filwaqt lli jiġu rranġati s-sinjali u l-istop sign tibqa' fejn hija preżenti, għandha ssir kaxxa għal parkeġġ. F'dan l-istadju s-Sur Caruana qal li dan ix-xogħol għandu jitwettaq minn persuni kwalifikati u għalhekk kien qed jipproponi li titbagħat ittra lit-TM sabiex tagħti l-parir meħtieġa lill-Kunsill u wara l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi u jaġixxi b'mod xieraq u professjonali u b'hekk jiġu evitati żbalji u sparparjar ta' flus.

75.3.6 Laqgħa mar-Reġjun. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa tar-Reġjun ġie diskuss il-punt dwar l-importanza li membru tal-pubbliku jkun preżenti waqt l-aġġudikazzjoni tat-tenders tal-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa spjega li dan mhux dejjem faċli u dwar dan il-Kunsill tal-Gudja ħa l-esperjenza meta għal żmien twil ma nstab l-ebda membru tal-pubbliku kif ipproponuti ma aċċetta ħadd ħlief dan l-aħħar is-Sur Osvaldo Pace aċċetta li jagħmel parti mill-bord tal-aġġudikazzjoni tal-kuntratti kif sejrin jissemmew aktar 'il quddiem.

75.3.7 Trinka għall-ilma ta' Triq l-Għelejjel li tagħti għall-ġibjun soak away. Is-Sindku qal li l-materjal u gradilja ma għandux jaqbeż €1165.00. Ix-xogħol jew bosta minnu jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinkisbu xi kwotazzjonijiet.

75.3.8 Għotja ta' €15000.00 dwar Triq Ħal Safi, il-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi riċentament huwa ffirma l-kuntratt dwar din l-għotja u huwa mistenni li l-Kunsill jirċievi l-fondi (jew parti l-kbira minnhom fi żmien qasir).

75.3.9 Performance bonus lill-ħaddiema assenjati taħt l-iskema 'Community Workers' (3 ħaddiema). Is-Sindku spjega dwar il-ħidma ta' dawn il-ħaddiema u dwar il-ftehim mad-District Operations sabiex jingħataw bonus fuq kriterji stabbiliti. Fil-fehma tal-Kunsill dawn il-kriterji huma ftit diffiċli li jiġu addattati għax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema u għalhekk il-Kunsill għandu jimxi fuq kriterji ġenerali dwar dak li jwettqu kif ukoll dwar l-atteġġjament tagħhom b'mod ġenerali.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Kunsill qabel li kull ħaddiem għandu jingħata l-livell ta' 8 minn 10 u li jiġu infurmati d-District Operations sabiex isir il-pagament mill-Kunsill skont il-proċeduri stabbiliti.

## 75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

75.4.1 Triq Joseph Gravina. Is-Sur Sammut qal illi f'din it-triq fil-konfini tal-Gudja qed ikun hemm ħafna ħmieġ u nuqqasijiet dwar l-ambjent. Is-Sur Sammut irrefera wkoll għall-ittra u DVD li bagħtu xi residenti lill-Kunsill. Saret diskussjoni li l-Kunsill jitlob lill-PA sabiex tieħu azzjoni kif meħtieġ. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jitlob l-għajnuna tal-

Pulizija u tal-LESA dwar is-servizz tal-Green Wardens u dan sabiex is-sitwazzjoni preżenti tmur għall-aħjar.

75.4.2 Triq Kan Dun Pietru Farrugia. Is-Sur Sammut qal illi f'din it-triq hemm plots li għandhom għand id-Dipartiment tal-Artijiet. Dawn il-plots minbarra li fihom qed isiru miżbliet żgħar, meta jikber il-ħaxix dan jinħaraq u jkun ta' periklu u ħsara għar-residenti u l-bini tal-madwar. Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex itella' l-ħitan u jieħu passi sabiex jitneħħa l-ħmieġ u periklu.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jitlob l-għajnuna tal-Pulizija u tal-LESA dwar is-servizz tal-Green Warden u dan sabiex is-sitwazzjoni preżenti tmur għall-aħjar.

## 75.5 Rapporti

75.5.1 F'dan l-istadju Sa Camilleri talbet lill-Kunsill u l-Kunsill approva b'mod unanimu sabiex tindirizza l-Kunsill u tagħti tagħrif dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ li għandu 9 membri żgħażagħ li ġie mwaqqaf fil-Gudja. Sa Camilleri qabel li dan il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ qed jaħdem fil-qrib mal-Aġenzija taż-Żgħażagħ u li għandu l-għan ewlieni li ż-żgħażagħ ikunu mrawma fil-ħidma tal-Kunsill Lokali u b'hekk aktar żgħażagħ jersqu lejn il-Kunsill u jsiru jafu aħjar dwar dak li l-Kunsill u ż-żgħażagħ jistgħu jagħmlu flimkien għal ġid tal-Gudja.

Sa. Camilleri qalet li l-Kunsill taż-Żgħażagħ sejjer ikun involut fi proġetti ta' fejda iżda minħabba li l-ħin tal-proġetti kien xi ftit jew wisq ristrett l-ewwel proġett huwa maħsub li jkun għal ħabta ta' Settembru 2017.

Sa. Camilleri qalet li dan il-Kunsill taż-Żgħażagħ qed ukoll ikun involut f'diversi attivitajiet fosthom "L-Erba' Staġuni" li qed jinkorpora l-attività dwar il-Milied ta' Dari li qed ikunu mħejjija flimkien mas-Sur Caruana li għandu fi ħdanu d-dekasteru tal-kultura.

Sa. Camilleri talbet lill-Kunsill sabiex nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016 jiġi provdut t-trasport sabiex jinġiebu 3 tined mil-lok tal-Aġenzija Żgħażagħ f'Santa Venera sabiex dan it-tined jintużaw waqt l-attività tat-18 ta' Diċembru 2016 ġewwa l-Gudja. Sa. Camilleri qalet ukoll li l-Kunsill taż-Żgħażagħ filwaqt li juri l-apprezzament għal ħidma tal-Kunsill jixtieq ukoll ikun involut direttament fil-ħidma u diversi attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

Il-Kunsill b'mod unanimu feraħ fit-twaqqif ta' dan il-Kunsill u qabel li jagħti kull għajnuna meħtieġa sabiex il-Kunsill taż-Żgħażagħ ikun ta' suċċess b'risq iż-żgħażagħ kollha tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll li jipprovdi t-trasport mitlub dwar dawn it-tined.

75.5.2 Korrispondenza. Il-Kunsilliera kollha ġew infurmati dwar korrispondenza li jirċievi u jibgħat il-Kunsill minn żmien għal żmien. Il-Kunsill filwaqt li ħa konjizzjoni dwar dan qabel li jkompli jsegwi l-progress meħtieġ fl-aħjar interess tal-istess Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

75.5.3 Ilmenti. Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-ilmenti u kif dawn ġew imwieġba u kif ittieħdet l-azzjoni meħtieġa u skont il-prijorità possibbli.

## 75.6 Attivitajiet tal-Milied 2016 u l-Ewwel tas-Sena 2017

75.6.1 Ħarġa għal Għawdex. Il-Kunsill iddeċieda li tiġi organizzata ħarġa għal kulħadd ġewwa Għawdex nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016. Din il-ħarġa sejra tkun parti minnha ssussidjata mill-Kunsill bħalma sar fis-snin ta' qabel.

75.6.2 Is-Sur Caruana qal li din is-sena l-programm tal-festi tal-Milied qisu beda ftit kmieni għaliex l-Organ Festival li sejjer isir fl-24 ta' Novembru 2016 fil-Kappella ta' Bir Miftuħ hija okkażjoni unika u ta' importanza nazzjonali. Il-programm tal-Erba' Staġuni li jinkludi l-Milied ta' Dari (18 ta' Diċembru 2016) li kif intqal qabel minn Sa Camilleri sejrin ukoll juru li l-Gudja għandha wirt kulturali u li l-Gudja taf tħejji sewwa dwar il-festi u ferħ tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Is-Sur Caruana qal li sabiex jiżżejnu l-inħawi tal-Knisja tal-Annunzjata u postijiet fl-inħawi hemm bżonn dawn l-affarijiet:

Siġra tal-Milied ta' madwar 12-il filati, pjanti u qsari sabiex jagħti dehra sabiħa u ħajja fl-inħawi fejn se jittellgħu l-attivitajiet. Il-Kunsill approva u qabel li jitlob lill-ELC sabiex tipprovdi dak meħtieġ.

75.6.3 Kunċert tal-Milied fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali tal-Gudja. Is-Sur Caruana qal li dan il-kunċert li huwa ferm popolari sejjer isir fid-19 ta' Diċembru 2016 fis-7.30pm. Għal dan il-għan il-Kunsill approva s-somma ta' €300.00

75.6.4 Dawl tat-toroq fil-qalba tal-Gudja mill-Grupp Armar Santa Marija, Għaqda Mużikali Marija Assunta u mis-Soċjetà Filarmonika La Stella. Il-Kunsill qabel u approva li dawn l-għaqdiet jieħdu ħsieb it-tiżjin tal-Milied fit-toroq fil-Gudja tal-Gudja bħalma jsir kull sena u dan għall-ħlas ta' €1110.00 kull għaqda. Is-servizz irid jibda mit-13 ta' Diċembru 2016 sas-06 ta' Jannar 2017.

75.6.5 Policy dwar permessi/attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li kull meta l-Kunsill ikollu attività uffiċjali ma għandu jinħareġ ebda permess għall-attività oħra għaliex l-attivitajiet tal-Kunsill għandhom jingħataw prijorità u preċedenza.

75.6.6 Ittri lir-residenti. I-Kunsill qabel u approva li jintbagħtu ittri lir-residenti sabiex fl-inħawi fejn se jsiru l-attivitajiet jixgħelu u jżejnu l-faċċati u jikkooperaw billi ma jipparkjawx sabiex wieħed ikun jista' jgawdi l-attivitajiet aħjar.

## 75.7 Ħatra ta' Bord – aġġudikazzjoni tal-offerti (01/16 Accountancy; 02/16 Concrete; 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)

75.7.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Osvaldo Pace aċċetta li jkun parti minn dan il-bord bħala rappreżentant tal-poplu u għalhekk ġie deċiż li ssir laqgħa ta' dan il-bord nhar it-Tlieta 06 ta' Diċembru 2016 fis-6.15pm.

## 75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

75.8.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 36/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta' €40,747.49. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

75.8.2 Il-Kunsill approva il-lista ta’ pagamenti 37/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta’ €191.34. Din l-iskeda ta’ pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 75.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

75.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 06 ta’ Diċembru 2016 fis-6.15pm.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv